**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 183/2024**

**ZP**

**('l-Ilmentatur')**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c.**

**(C-5553)**

**('MMS' jew 'Fornitur tas-Servizz')**

**Seduta tat-18 ta' Lulju 2025**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment**[2] imressaq mill-Ilmentatur li jittratta każ fejn il-Fornitur tas-Servizz qed jirrifjuta talba għal kumpens dwar ħsarat li l-Ilmentatur qed jiġi mfittex biex jagħmel tajjeb għalihom, liema ħsarat ġew ikkaġunati fuq dgħajsa ta' terzi waqt li kien qed jagħmel xogħol fuqha fil-kors tal-professjoni tiegħu ta' *'refrigation technician including works on marine vessels'.*

Il-fatti fil-qosor huma dawn:

1. L-Ilmentatur kellu polza ta' assikurazzjoni tat-tip '*Public Liability Policy'* maħruġa mill-Fornitur tas-Servizz għal perjodu li jkopri ż-żmien meta ġara l-inċident.

2. Nhar is-7 ta' Settembru 2023, waqt li kien qed jaħdem fuq *cabin cruiser* ta' klijent, seħħet splużjoni li kkaġunat ħsara li għaliha l-assikuratur tal-klijent tal-Ilmentatur ħallas kumpens ta' €70,000 u b'hekk ħadu fuqhom id-drittijiet tal-klijent tagħhom versu terzi (*subrogation rights*).[3]

[2] Paġna (P.) 1 - 9 u dokumenti annessi P. 10 - 56
[3] P. 75

3. L-assikuratur ta' dan l-istess klijent, issa qed ifittex lill-Ilmentatur għad-danni.[4]

4. L-*insurance broker* tal-Ilmentatur informa lil MMS dwar l-inċident u uffiċjalment fetaħ il-*claim* fil-11 ta' Settembru 2023.[5]

5. Wara korrispondenza bejn il-*broker* u l-MMS, fejn intalbu dettalji biex tiġi investigata din l-istess *claim* fil-21 ta' Diċembru 2023, l-MMS infurmat bid-deċiżjoni li l-*claim* ma kinitx ser tiġi onorata għax il-polza ma kinitx tkopri r-riskji li wasslu għall-inċident in kwistjoni.

6. L-ilmentatur isostni li filwaqt li fil-prinċipju, *public liability policy* tkopri ħsara li tiġi ikkaġunata lil terzi u ma tkoprix il-ħsara relatata max-xogħol fuq l-oġġett li tkun qed taħdem fuqu, mal-polza hu kellu *Endorsement* numru 6/2020 li jkopri ħsara fuq oġġetti li jkunu *'in the care, custody and control of the insured'* sa valur ta' €250,000.[6]

   L-Ilmentatur isostni li għalhekk il-polza suppost tkopri l-inċident għax meta dan seħħ, il-*cabin cruiser* kien *'in his care custody and control'*.

7. Għalhekk, l-Ilmentatur qed jitlob lill-Arbitru biex jordna lill-MMS tikkonferma li huma jagħmlu tajjeb għal kull talba li l-Ilmentatur jirriżulta li jinsab obbligat li jħallas lill-assikurazzjoni tal-klijent tiegħu, jiġifieri lill-assikurazzjoni ta' sid il-*cabin cruiser*, kif ukoll lill-istess sid il-*cabin cruiser* innifsu, minħabba li qed jiġi mhedded li ser jittieħdu passi legali kontrih.

**Ra t-tweġiba tal-Fornitur tas-Servizz**

Fir-risposta[7] sottomessa, il-Fornitur tas-Servizz ta dawn ir-raġunijiet li jsaħħu l-argument li l-polza ma tkoprix l-inċident li dwaru qed issir il-*claim*:

a. IL-polza kienet tkopri ħsarat lil terzi u mhux lid-dgħajsa li fuqha kien qed isir ix-xogħol. Isostnu li meta ħarġet il-polza oriġinarjament, lura fis-sena 2000, il-*broker* ta' dak iż-żmien (li mhuwiex l-istess *broker* li qed imexxi din il-*claim* minħabba li l-*broker* inbidel maż-żmien) kien infurmat li:

[4] P. 74
[5] P. 38 - 40
[6] P. 29
[7] P. 63 – 67 u dokumenti annessi P. 68 - 69

*"Our public liability (PL) policy excludes any liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity. This means that with a PL policy the proposer is not covered for any liabilities in consequence of his works."*[8]

Tramite dan l-istess *broker*, l-Ilmentatur kien imwissi wkoll li qajla kien jagħmel sens li ma jkollux polza b'kopertura li tinkludi wkoll ix-xogħol li kien qed jagħmel u, għalhekk, kien suġġerit li jieħu wkoll *extension* tal-polza li tkopri l-*'malpractice'*.[9] Kieku l-Ilmentatur xtara wkoll kopertura bil-'*malpractice endorsement'*, allura, din kienet tkopri wkoll ix-xogħol li jkun qed jagħmel.[10] Iżda, l-*broker* ta' dak iż-żmien m'aċċettax li jħallas iżjed *premium* biex ikollu kopertura iktar wiesgħa kif propost[11] u, allura, l-inċident mhux kopert bil-polza hekk kif inxtrat.

b. Li l-argument li l-esklużjoni kkwotata ma tapplikax għax l-Ilmentatur ma kienx qed jagħti servizzi professjonali minħabba li kien biss *technician* ma treġix. Din l-esklużjoni ma tirrigwardjax professjonisti iżda servizzi li jkunu qed jingħataw f'kapaċità professjonali. Kieku l-Ilmentatur ma kienx professjonali f'xogħolu, kieku ma kienx jidħol għal dan ix-xogħol.

   Apparti minn hekk, meta nxtrat il-polza, kollox kien spjegat ċar u kien id-dover tal-*broker* li jfiehem lill-klijent tiegħu x'kien u x'ma kienx kopert.

c. Li *Endorsement Number* 06/2020 ikopri biss oġġetti li jkunu *'under care, custody and control'* imma ma jkoprix oġġetti li jkunu qed isir xogħol fuqhom għax għal dan ikun hemm bżonn ta' *extension* oħra ta' '*malpractice*'.

d. Li huwa frivolu li jingħad li kien hemm xi dewmien fl-ipproċessar tal-*claim* li kien ekwivalenti għall-aċċettazjoni silenzjuża tal-*claim* li ppreġudikat il-pożizzjoni tal-Ilmentatur.

Il-Fornitur tas-Servizz żied ukoll li jekk l-Ilmentatur jaħseb li għandu xi drittijiet dwar każ ta' *mis-selling* tal-polza, dan l-ilment għandu jiġi indirizzat lill-*broker* fil-kapaċità tiegħu ta' aġent tiegħu stess u li kellu d-dover ifiehemu x'kien u x'ma

---

[8] P. 68
[9] *Ibid*.
[10] P. 65
[11] P. 69

kienx kopert. Apparti minn hekk, MMS qalu li ma jistgħux jargumentaw mal-assikuratur u mal-proprjetarju tal-*cabin cruiser* danneġġata minħabba li huma m'humiex parti minn dan l-ilment.

**Seduti**

**L-ewwel seduta**

Fl-ewwel seduta tas-27 ta' Jannar 2025, saret referenza għall-*Affidavit*[12] ippreżentat mill-Ilmentatur li bażikament irrepeta dak li kien hemm fl-ilment, għajr li saret referenza għall-fatt li l-Ilmentatur kien daħal bħala assikurat addizzjonali f'polza li kienet oriġinarjament maħruġa f'isem ħuh, fattur li ma kienx issemma qabel. Ħu l-Ilmentatur kien jagħmel xogħol simili u kellu polza li kienet ilha fis-seħħ mis-sena 2020.

Fil-mument li l-Ilmentatur xtaq jixtri polza tal-assigurazzjoni, ma kinitx ġiet maħruġa polza ġdida li tkopri lilu speċifikament, iżda ġie inkluż mal-polza li kienet inħarġet lil ħuh bl-istess termini u kundizzjonijiet.

F'din l-istess seduta, xehed Ramon Mizzi, *Managing Director* ta' *AIB Insurance Brokers* (AIB), li huwa l-*broker* tal-Ilmentatur li mexxa l-*claim* konċernata.

Irid jiġi iċċarat li AIB ma kinux il-*brokers* in kariga meta ġiet maħruġa l-polza lil ħu l-Ilmentatur lura għas-sena 2000 u lanqas meta fis-sena 2023, dan tal-aħħar ġie inkluż bħala assikurat addizzjonali taħt il-polza li kienet f'isem ħuh.

Ramon Mizzi xehed li:

***"Jiena dħalt fi skambju mal-MAPFRE Middlesea u sinċerament ma qbiltx mal-pożizzjoni li kienu qed jieħdu huma għar-raġuni li huma kienu qed jinvokaw exclusion fil-policy li kienet tappartjeni għal dak li aħna ngħidulu 'Professional Risks', li bażikament din hija l-exclusion li ssib f'Public Liability Policy għal min ikun qed jagħmel xogħol ta' natura professjonali illi dak ix-xogħol irid jiġi kopert bi Professional Indemnity Policy.***

***Ngħid li jekk ikun hemm min qed jagħmel xogħol tekniku, jista' joħroġ dik li s-soltu aħna nsejħulha Onerous and Omissions Policy li hija simili għall-Professional Indemnity imma mhux intenzjonata speċifikament għal min qed***

[12] P. 71 - 73 u dokumenti annessi P. 74 - 76

***jagħmel xogħol professjonali. Imma, f'dan il-każ in kwistjoni, fl-opinjoni tiegħi, lanqas hemm x'jindika li l-isplużjoni saret minħabba xi nuqqas tas-Sinjuri in kwistjoni.***

***…***

***Ngħid li jien kont qed ngħid li, fl-opinjoni tiegħi, ma kienx hemm exclusion li tapplika f'dan il-każ għar-raġuni li l-exclusions li bdew jinvokaw il-Middlesea, illi kienu primarjament fuq il-Professional Indemnity Risks, fl-opinjoni tiegħi, ma tapplikax. Ngħid li ma tapplikax għax, fl-opinjoni tiegħi, l-intenzjoni ta' dik l-exclusion hija biex tolqot ċirkostanzi li huma differenti minn dawk in kwistjoni. U dan il-punt li kont qed nagħmel issa minħabba n-nuqqas ta' provi li jgħid għalfejn ġara dak li ġara, jorbot ukoll ma' dan il-punt.***

***…***

***F'dan il-każ, fl-opinjoni tiegħi, qed ngħid li ħadu pożizzjoni ħażina mhux għax għandi xi ħaġa kontra l-Middlesea, assolutament. Ngħid għalija żbaljaw meta qalu li mhux kopert għax ma ħax extension.***

***Fl-opinjoni tiegħi, il-claims jiġu mhux eliġibbli mhux għax il-klijent ma jkunx ħa extension; jiġu mhux eliġibbli għax ikun hemm l-application tal-exclusion. U, fl-opinjoni tiegħi, f'dan il-każ ma kienx hemm application ta' exclusion ċara.***

***Ngħid li din it-tip ta' klawsola tal-Professional Risks, tirreferi għar-riskji professjonali fejn ikun hemm liability li tirriżulta minn nuqqas tal-mod ta' kif wieħed jaġixxi – mhux l-ambitu normali tal-affarijiet – imma għax hu għandu l-expertise li qed jagħmel xi ħaġa, li qed jagħmilha ħażin jew jonqos milli jagħmilha b'mod kif inhu mistenni, b'mod tajjeb."[13]***

Taħt kontroeżami, Ramon Mizzi kompla jgħid:

***"Qed niġi referut għall-email ta' qabel ma sar l-underwriting, 3 April 2020, fejn il-Corporate Business Unit lill-broker qaltlu:***

***'… the proposer is not covered for any liabilities arising in consequence of his works … What we can suggest is to have the malpractice extension under the PL Policy …'.***

---

[13] P. 77 - 79

*Mistoqsi naqbilx li kien hemm spjegazzjoni ċara li dan ma kienx ser jiġi kopert jekk ma jkollux il-malpractice extension minħabba l-exclusion tal-Professional Services, ngħid li jien għidt b'mod ċar ħafna li jien ma naqbilx mal-applikazzjoni ta' dik l-exclusion f'dawn iċ-ċirkostanzi. Jien ma naqbilx li dik hija exclusion li tapplika f'dan il-każ.*

*F'dan l-istadju, l-Arbitru jgħid li jien ma kontx il-broker meta nħarġet din il-polza imma kont il-broker meta ġiet renewed.*

*Mistoqsi mill-Arbitru jekk kull darba li ġiet renewed kienx hemm xi modifika fuq il-cover li kien hemm oriġinarjament jew kinitx tiġi renewed eżattament kif kienet, ngħid, le, not that I'm aware of. Nista' niċċekkja mar-records tagħna, imma, safejn naf jiena, minn dak li kont dħalt fih meta kienet għaddejja din id-diskussjoni, eċċ., safejn naf, jien il-policy kienet baqgħet l-istess.*

*Għaċ-ċarezza, l-uniku kambjament li kien hemm kien li at some stage kien daħal ukoll bħala insured is-Sur ZP u dan kien qabel ma dħalna aħna. Ngħid li minn meta dħalna aħna, l-affarijiet baqgħu l-istess.*

*Mistoqsi nispjega jekk hemm exclusion miktuba fil-policy, dik l-exclusion kif nagħmel biex nerġa' nissorvelaha, jekk jingħad li you can buy it back through an extension niftiehmux, ngħid li dażgur li qed niftiehmu.*

*Qed jingħad li jekk il-polza fiha exclusion, jekk jinqala' dak il-każ, mhux ser ikollok kopertura. Ngħid li tista' tixtri extension.*

*Mistoqsi kif tista' tixtri din l-extension, ngħid li tmur għand l-insurer u titolbu din il-kopertura u tara jistax jagħtihielek.*

*Qed jingħad billi tħallas aktar premium. Ngħid li normalment, mhux bilfors lanqas; imma, normalment, jekk ser titlob extension ta' sustanza ser tirrikjedi żieda fil-premium.*

*Biex niċċara, ngħid li d-diskussjoni li kelli mal-Middlesea, meta bdiet din l-istorja at least l-involviment tiegħi fiha, kien kważi sena ilu meta jiena kont għidt lil persuna fl-uffiċċju tal-Middlesea li kont ikkorrispondejt magħha, li hija l-email li kont bgħatt lil Denise Condorato fid-9 ta' Jannar 2024, fejn jiena għamilt l-argument, li kont qed nerġa' nagħmel issa, li l-fatt li l-klijent ma ħax extension, ma jfissirx li m'għandux kopertura. Biex ma jkollux kopertura, jrid*

***ikun hemm an exclusion illi tapplika. U, f'dan il-każ, fl-opinjoni tiegħi, ma kienx hemm exclusion li tapplika."*[14]**

L-Arbitru xtaq jiċċara fuq xiex inhu dan l-ilment.

Hawn ix-xhud kompla jgħid:

***"Il-polza kienet tkopri lil ZP li xogħolu kien 'refrigeration technician including works on marine vessels.'***

***Mistoqsi mill-Arbitru x'jiġifieri tindif tal-bow thruster, ZP jispjega:***

***It-thruster huwa l-propulsion li ġej mill-bow, min-naħa ta' quddiem. Meta ngħidu tnaddaf, ħafna żmien ta' użu, it-thruster li jaħdem bil-brushes, ikollu carbon buildup mal-brushes u mal-istarter tal-mutur li effectively ma jaħdimx jew inaqqas mill-performance tiegħu, allura, jkun irid jitnaddaf.***

***Mistoqsi huwiex xogħol li huwa relatat mar-refrigeration, ngħid li, le. Huwa xogħol ta' elettriku; m'għandu x'jaqsam xejn mar-refrigeration."*[15]**

Wara l-ewwel seduta, ġew ippreżentati żewġ *Affidavit*s min-naħa tal-Fornitur tas-Servizz – wieħed ta' Clayton Farrugia[16] u l-ieħor ta' Denise Condorato,[17] li jokkupaw il-kariga ta' *Head, Specialised Risks & Reinsurance* u *Head, Claims – Commerical & Personal Lines*, rispettivament.

**It-Tieni Seduta**

Fit-tieni seduta tal-11 ta' Marzu 2025, sar il-kontroeżami lill-Ilmentatur dwar l-*Affidavit* li hu ressaq. Huwa xehed li:

***"Qed jingħad li fit-tieni paragrafu tal-affidavit tiegħi ngħid li 'Fis-sena 2023, jiena kont għamilt eżerċizzju sabiex nikseb kopertura ...'***

***Mistoqsi nispjega x'inhu dan l-eżerċizzju li għamilt, ngħid li bażikament ridt polza biex nassigura l-operat tiegħi u kont avviċinajt il-broker tiegħi għax jien ma nifhimx f'insurances u policies. Din mhix il-linja tiegħi, just avviċinajt lilu għax bdew javviċinawni nies biex inkopri l-operat u avviċinajt il-broker.***

[14] P. 79 - 82
[15] P. 82 - 83
[16] P. 85 - 86
[17] P. 87 - 88

*Ngħid li iva, meta avviċinajt il-broker spjegajtlu x-xogħol li nagħmel u għidtlu li għandi bżonn il-kopertura.*

*Mistoqsi x'kopertura tlabtu, ngħid li jien ma tlabtux għax, kif għidt, mhix il-linja tiegħi. Illum il-ġurnata naf xi tfisser ovvjament b'dak kollu li ġara – public liability u x'semmejtu. Dak iż-żmien just tlabtu polza tal-assigurazzjoni u that's it.*

*Mistoqsi xi spjegali dwar il-polza tal-assigurazzjoni li għandi bżonn, ngħid li għandi public liability li għandha tkopri l-operat. Illum il-ġurnata naf li ma jkoprix ix-xogħol tal-idejn. Imma ma nafx eżatt.*

*Mistoqsi jekk spjegalix li kelli options li stajt inżid il-kopertura fejn ikun hemm affarijiet li mhumiex koperti, li stajt inżid u nnaqqas, ngħid li le; biss, però, kif tafu, polza ġdida fuqi qatt ma ħarġet. Jiena dħalt ma' ta' ħija. Issa għal liema raġuni ma nafx.*

*Qed niġi referut għal li għidt li dħalt mal-polza ta' ħija u qed jingħad li forsi ħija għandu diversi poloz u jien iddeċidejt li nidħol f'waħda minnhom, u mistoqsi, allura, jekk jien staqsejtx il-polza ta' ħija xi tkopri eżatt u jekk il-broker spjegalix x'għandu ħija fil-polza u jien xi stajt inżid jew xi stajt innaqqas, ngħid li miegħi ma sar xejn minn dan id-diskors.*

*Nikkonferma li l-polza dejjem mal-broker, u l-komunikazzjoni, anke meta bdiet il-claim, kienet mal-broker.*

*Mistoqsi fil-mument li kont sejjer għand il-broker biex nixtri l-polza jekk ikkomunikajtx ma' MAPFRE biex nara eżatt x'polza għandi bżonn, ngħid li kemm ma' MAPFRE u kont avviċinajt xi tnejn oħra, it-tnejn li huma, ma nafx għalfejn, jirrifjutaw li jiddiskutu direttament mal-klijent. Kulħadd kien qalli li dak li qed nitlob jiena aħjar imexxina u jidderiġini broker.*

*Qed jingħad li dan fil-mument li ġejt biex nagħmel il-claim. Ngħid li le, anke qabel.*

*Nikkonferma li jiena għandi kwalifiki biex nagħmel dan ix-xogħol. Ngħid li għandi Diploma in Heavy Plant and Operational Maintenance. Dak wieħed mill-kwalifiki li għandi u nista' nipproduċi ċertifikati u għandi wkoll liċenzja. Ngħid li għandi kwalifiki diversi u għandi s-sengħa ta' technician.*

***Ngħid li dan huwa x-xogħol professjonali tiegħi.***

***Qed jingħad li fil-polza x-xogħol tiegħi huwa Refrigeration Technician including works on Marine Vessels (paġna 48 tal-proċess), però, jissemma li l-inċident sar dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' bow thruster.***

***Mistoqsi meta ċempilli sid id-dgħajsa, x'mort nagħmel, x'kienet il-problema, ngħid li kellu problema fuq l-airconditioning system tiegħu. Biss, però, kif konna fuq id-dgħajsa, staqsieni biex kif kont hemm nara l-bow thruster. Ittawwalt lill-bow thruster u, ovvjament, inqala', dak jinqala'."[18]***

Hawn l-Arbitru xtaq jiċċara l-fatt rigward id-dikjarazzjoni tal-Ilmentatur meta qal li fis-sena 2023 kien għamel eżerċizzju, u li dak iż-żmien kien diġà kopert fil-polza ma' ħuh, għax mill-aħħar seduta, mix-xhieda tal-AIB, ġie mifhum li meta huma ħadu *over* il-polza mill-*broker* l-ieħor, l-Ilmentatur kien diġà daħal fil-polza.

Għaldaqstant, l-Arbitru jgħid li f'Marzu 2023, meta l-Ilmentatur mar għand il-*broker*, hu kien diġà inxurjat mal-*broker*.

Għal dan, l-Ilmentatur wieġeb li:

***"Milli nista' nifhem illum il-ġurnata, kont inxurjat, però, taħt il-polza ta' ħija somehow. Imma fl-2023, milli nista' nifhem, ġiet tgħajjat lili. Qabel kienet tgħajjat lil ħija, però, kellu koperti taħtu xi impjegati li jaħdmu miegħu u, safejn naf jiena, huma koperti taħt il-polza tiegħu, ovvjament, f'ismu biss."[19]***

L-Arbitru staqsa jekk il-Fornitur tas-Servizz għandux konferma ta' dan, u ***Dr Daphne Sims Dodebier,*** f'isem l-istess Fornitur tas-Servizz spjegat li:

***"Oriġinarjament, il-polza kienet ta' XXP li jiġi ħu l-ilmentatur. At a certain point in time, il-polza saret tat-tnejn imma mhux kif qed jgħid hu, jiġifieri, oriġinarjament, kienet ta' XXP biss."[20]***

Intervjeniet ***Dr Alessia Zammit McKeon,*** li qed tassisti lill-Ilmentatur, u qalet li:

[18] P. 89 - 90
[19] P. 91
[20] *Ibid*.

***"Skont ir-rekord li għandi jien, fl-2022 il-polza kienet fuq XXP biss. Imbagħad, l-iskeda tal-2023 tgħajjat kemm lil XXP u kemm lil ZP 'each for the respective rights and interests.'***

***Jiena naħseb li fil-perjodu 7 ta' Mejju 2023 sas-6 ta' Mejju 2024, daħal ZP."***[21]

**Dr Daphne Sims Dodebier** iddikjarat li:

***"Ma hemm l-ebda kontestazzjoni, però, li fid-data tal-inċident, kien daħal ZP. Il-punt tiegħi kien biex nara l-mezz u x'tip ta' informazzjoni talab u x'indaġini għamel fil-mument li ġie biex jitlob il-kopertura. Fil-fatt, jirriżulta li ma tantx sar eżerċizzju; dan just daħal fil-polza ta' ħuh."***[22]

L-Arbitru stqarr li mill-aħħar seduta ġie stabbilit li ma nbidel xejn mit-termini tal-polza.

Taħt kontroeżami, l-Ilmentatur kompla:

"***Mistoqsi fil-mument li mort biex nixtri l-polza kontx naf x'inhuma exclusions, ngħid li le.***

***Mistoqsi jekk il-broker semmilix 'exclusions', ngħid li le.***

***Mistoqsi jekk il-broker semmilix li hemm affarijiet li jkunu koperti u affarijiet li ma jkunux koperti, u li nista' nżid il-kopertura, ngħid li għadda ż-żmien imma milli niftakar, le.***

***Qed jingħad li allura jien mort għand il-broker u għidtlu li rrid ningħaqad mal-polza ta' ħija u daqshekk.***

***Ngħid li le, jien fl-ebda ħin ma għidtlu li rrid ningħaqad mal-polza ta' ħija. Jiena għidtlu li nagħmel dan ix-xogħol u għandi bżonn kopertura għal dan ix-xogħol. Għaddew ftit jiem, ċempilli u qalli, 'Isma', rather milli saret polza ġdida fuqek, more or less you do the same type of works u dħalt fil-polza ta' ħuk flok noqgħodu noħorġu polza ġdida li tgħajjat lilek biss.'***

***Dak li ġara.***

[21] *Ibid*.
[22] *Ibid*.

***Mistoqsi għidtlux għalfejn dħalt fil-polza ta' ħija meta jien ma nafx xi tkopri u ma tkoprix, ngħid li looking back, iva, stajt insistejt."***[23]

**Xhieda ta' Clayton Farrugia imressaq mill-Fornitur tas-Servizz**

Fl-istess seduta, sar il-kontroeżami ta' Clayton Farrugia fir-rigward tal-*Affidavit*[24] li ġie mressaq. Clayton Farrugia xehed:

***"Qed issir referenza għall-affidavit tiegħi fejn nispjega l-Public Liability Policy.***

***Mistoqsi naqbilx li din it-tip ta' polza hija intiża sabiex tkopri danni aċċidentali kkaġunati minn attività deskritta fil-polza, ngħid li iva, imma mhux kollox, ovvjament.***

***Naqbel li regolat mal-esklużjonijiet li jkun hemm inklużi fil-polza.***

***Qed jingħad li jirriżulta mill-provi illi l-ilmentatur ma joperax minn sit tiegħu, minn xi garaxx jew minn xi stabbiliment, però, jmur jippressa s-servizzi tiegħu fuq is-sit, f'dan il-każ, fuq dgħajsa.***

***Mistoqsi, f'dan ix-xenarju, l-kopertura fil-polza li kellu effettivament xi tkopri, ngħid li tkopri ħsarat lil terzi persuni jew oġġetti (dejjem jista' jkun hemm bodily injury u property damage) li m'għandhomx x'jaqsmu max-xogħol li jkun qed jagħmel il-klijent, jiġifieri jekk qed jaħdem fuq oġġett, dak l-oġġett ma jitqiesx bħala terza persuna.***

***Qed jingħad li l-ilmentatur jagħmel xogħol fuq dgħajjes u, allura, jmur fuq dgħajsa u jagħmel biċċa xogħol; qiegħed hemm fil-pożizzjoni li joffri servizz lill-klijent tiegħu.***

***Mistoqsi meta jkun fuq il-lant tax-xogħol tiegħu biex nagħti eżempji ta' ċirkostanzi li jkunu koperti u ċirkostanzi li mhumiex koperti, ngħid li ċirkostanzi li huma koperti huwa waqt li huwa dieħel fuq il-lant tax-xogħol jolqot xi dgħajsa oħra, eżempju, jkun għaddej minn ħdejn dgħajsa bil-bagalja tal-għodda u girifha, għamlilha l-ħsara.***

[23] P. 91 - 92
[24] P. 85 - 86

*Jista' jkun ukoll li waqt li jkun qed jaħdem fuq id-dgħajsa, eżempju, itirlu martell u laqat persuna li ma kellha x'taqsam xejn li tista' tkun fuq id-dgħajsa u anke passerby.*

*Affarijiet li mhumiex koperti hija d-dgħajsa li jkun qed jaħdem fuqha għaliex dik ma tiġix bħala terza oġġett jew persuni u tiġi meqjusa bħala 'care, custody and control.'*

*Qed niġi referut għall-affidavit tiegħi fejn ngħid:*

*'Iżda teskludi speċifikament ir-riskju riżultanti mix-xogħol ta' dak li qed irendi s-servizz – u dan sempliċiment għax dan ir-riskju huwa wisq speċifiku u jista' jkun ukoll ikun wisq kbir sabiex jiġi ttrattat taħt 'Public Liability' u fis-suq tal-assigurazzjoni hemm klawsoli intiżi sabiex ikopruh speċifikament.'*

*Imbagħad, jien insemmi d-differenza bejn white collar professionals u technicians.*

*Naqbel li dawn huma żewġ tipi ta' servizzi li huma kompletament distinti.*

*Mistoqsi naqblux li persuna bħal technician, ma jiġix ikklassifikat bħala professjonist imma bħala persuna teknika, ngħid li hija professjoni fil-verità għax hu qed jaqla' l-għixien tiegħu u l-għixien tiegħu hu minn technician.*

*Mistoqsi naqblux li nies li huma meqjusa bħala professjonisti, biex ikopru l-attivitajiet tagħhom, ikollhom polza ta' Professional Indemnity, ngħid li eżatt.*

*Mistoqsi naqbilx li nies li għandhom mano d'opera, bħal technicians u, allura, huma tekniċi, ma jikkwalifikawx għal Professional Indemnity Policy, ngħid li m'hemmx Professional Indemnity Policy għalihom, imma jista' juża l-polza.*

*Qed jingħad li, allura, dawn il-kategorija ma jikklassifikawx ruħhom bħala professjonisti imma li jikklassifikaw ruħhom bħala nies li huma tekniċi. Ngħid li iva.*

*Mistoqsi jekk mill-affidavit tiegħi jiena qed nikkonkludi li m'hemmx kopertura għal dan l-inċident partikolari taħt il-Public Liability Policy għaliex skont jiena l-ilmentatur ma ħax l-extension, ngħid li hekk hu.*

*Qed jingħad li l-pożizzjoni tiegħi hi li m'hemmx kopertura għaliex MAPFRE toffri extension; l-ilmentatur dik l-extension ma ħadhiex u, allura, mhuwiex kopert.*

*Ngħid li aħna konna ġbidna l-attenzjoni lill-broker li l-polza li ser joffru lill-ilmentatur ma kinitx biżżejjed għax-xogħol li jagħmel hu; u, ovvjament, xi jkun spjega l-broker ma nkunux nafu għax ma nkunux preżenti.*

*Ngħid li iva, il-pożizzjoni tagħna hi li ġiet offruta din l-extension, din l-extension ma ħadhiex u, allura, mhuwiex kopert.*

*Mistoqsi inix konsapevoli li din l-offerta tal-extension ma saritx ma' ZP imma saret ma' ħuh, XXP qabel ma ZP kien inkluż bħala assikurat taħt din il-polza, ngħid li din il-mistoqsija ma nistax nirrispondiha għax ma nafx għax il-broker jiltaqa' mal-klijent.*

*Qed jingħad li min-naħa tagħna, aħna nkunu nafu lil min għamilna l-offerta u f'liema żmien. Mill-korrispondenza li diġà ġiet esebita, din l-offerta tal-extension saret fl-2021 u ZP daħal fil-polza fl-2023. Mistoqsi naqbilx li l-proposta biex ikun hemm extension tal-polza saret mhux fi żmien ZP imma saret qabel żmienu, ngħid li iva, naqbel.*

*Qed jingħad mill-estratt li ċċitat Dr Zammit McKeon li l-Public Liability Policy ma tkoprix għaliex ir-riskju huwa wisq speċifiku u huwa wisq kbir sabiex jiġi ttrattat taħt Public Liability Policy. Ukoll, jekk tara l-iskeda, hemm deskrizzjoni tal-operat tal-assikurat tagħkom bħala Marine Technician.*

*Mistoqsi naqblux li l-assikurazzjoni, MAPFRE f'dan il-każ, kienet taf x'tip ta' attività kien qed jiġġestixxi l-assikurat tiegħu, ngħid li nikkoreġi xi ħaġa żgħira għax mhux Marine Technician, skont l-application li għandna fuq ix-Schedule imma Refrigeration Technician. Kif diġà għidt, lill-broker ġbidnilu l-attenzjoni li kellu bżonn xi estensjonijiet fil-polza*

*Mistoqsi fuq dan il-każ partikolari x'kellna bżonn aktar biex nevalwaw it-tip ta' attività illi qed jagħmel dan l-individwu; aktar speċifiku minn hekk x'jista' jagħmel, ngħid li ma kellna bżonn xejn aktar, tant hu hekk li l-quotation ħarġet u ovvjament ġbidna l-attenzjoni lill-broker li din il-kopertura li qed jixtri mhijiex biżżejjed.*

*Qed jingħad li mhux fi żmien ZP, ngħid tajjeb. Fi żmien ZP, il-broker inbidel u kien sta għall-broker il-ġdid li jiġbidlu l-attenzjoni u jgħidlu, 'Isma', din il-kopertura li għandek mhix biżżejjed għax-xogħol li ser tagħmel.'*

*Mistoqsi la konna nafu li kien hemm tibdil fil-broker u konna nafu li kienet ser tiżdied persuna assikurata and their respective rights and interests, li ġbidna l-attenzjoni kif għamilna ma' XXP  għamilniex l-istess eżerċizzju – la nbidel il-broker – fi żmien ZP, ngħid li aħna jkollna l-Broker's Appointment Form u l-broker il-ġdid għandu jingħata kopja tal-file bix-Schedule, bl-Endorsements kollha.*

*Qed jingħad li d-domanda hi jekk l-istess ħaġa li għamilna mal-broker preċedenti meta kien hemm XXP assikurat, meta kellna r-rikjesta biex jiżdied ZP u nafu li għandna broker ġdid allura mhux neċessarjament għandu aċċess għall-file li kellu l-broker preċedenti, erġajna rrepetejna dak li għidna ma' XXP, ngħid li iva, erġajna rrepetejna għaliex fil-korrispondenza li għandna mal-broker il-ġdid, wara l-inċident ...*

*Qed jingħad li mhux wara l-inċident imma fiż-żmien meta kellna rikjesta f'Mejju 2023, biex ZP jiżdied mal-polza ta' ħuh liema rikjesta aħna aċċettajna.*

*Mistoqsi meta ġietna din ir-rikjesta fejn kellna broker ġdid u assikuratur ġdid, aħna erġajniex irrepetejna illi hemm extension u din l-extension hija neċessarja biex hu jkollu kopertura għall-attività li qiegħed jagħmel at underwriting stage, ngħid li iva tkun verbalment.*

*Mistoqsi min qalha verbalment, ngħid li l-ħaddiem li jkun ħadem fuq il-każ.*

*Mistoqsi kontx involut personalment f'din il-polza, ngħid li le.*

*Mistoqsi kif naf li saret verbalment, ngħid li għax tkellimna mal-persuna li ħadem fuqha.*

*Mistoqsi min hija din il-persuna u jekk hemmx file note, ngħid li m'għandix il-file kollu quddiemi*

*Mistoqsi għandniex evidenza li at the underwriting stage meta daħal ZP aħna erġajna rrepetejna fil-bidu meta daħal ħuh, ngħid li r-risposta hija le.*

*Mistoqsi nafx meta seħħ dan l-inċident jekk ix-xogħol kien qed jagħmel is-Sur ZP kienx xogħol ġenerali jew kienx xogħol speċjalizzat, x'kien qed jagħmel dak il-ħin, ngħid ma nafx.*

*Qed jingħad li fl-affidavit tiegħi u fix-xhieda tiegħi., jiena insemmi l-Endorsement jew il-kopertura addizzjonali ta' property in the charge and in control of the insured. U li jiena ngħid li jekk persuna għandha din l-Extension, 'tkopri lil dak li jkun għall-ħsara li rriżulta mill-oġġett li jkun f'idejh u li jkun qed jaħdem fuqu.*

*Mistoqsi jekk hux qed jinftiehem sew li jekk l-assikurat ikollu din l-Endorsement allura tagħraf fuq l-oġġett, f'dan il-każ,  id-dgħajsa li jkun qed isir ix-xogħol fuqha huwa kopert, ngħid jiddependi xi tkun il-ħsara. Hemm ċertu ħsarat u hemm ċertu ħsarat. Għandek ċertu ħsarat li jirriżultaw by error or ommission min-naħa tal-assikurat li dak, imbagħad, ikollok bżonn estenzjoni oħra taħt il-polza.*

*Imbagħad, għandek ħsarat oħra illi, kif bdejna ngħidu, forsi qed taħdem fuq id-dgħajsa u aċċidentalment dort u lqatt xi ħaġa mid-dgħajsa stess b'oġġett li kellek f'idek.*

*Qed jingħad, f'dan il-każ partikolari, l-ilmentatur kien qed inaddaf bow thruster, sprejja l-aerosol fuq il-bow thruster (dan milli qed jifhmu li qisu WD40), is-sid tad-dgħajsa xegħel il-bow thruster, u kien hemm splużjoni.*

*Qed niġi mistoqsi jekk fiċ-ċirkostanza li kien hemm l-Extension tal-Property in Charge and Control of the Insured, fejn jien ngħid fl-affidavit tiegħi li jekk għandi din l-Endorsement 'tkun kopri lil dak li jkun għall-ħsara li tirriżulta mill-oġġett li jkun f'idejh u li jkun qed jaħdem fuqu.'*

*Mistoqsi jekk huwiex jinftiehem sew li kieku ZP  kellu din l-Endorsement, il-polza kienet tirrispondi, ngħid li jekk l-oġġett li sprejja ma wżahx skont id-direzzjoni tiegħu ...*

*Mistoqsi jekk ma jirriżultax li hu għamel xi ħaġa kontra dak li għandu jagħmel, jiġifieri sprejja dan l-ispray - li ma tridx tkun xi professur – kif kellu jisprejjah u għandu din l-Endorsement kellux xi kopertura, ngħid li jekk kollox intuża kif kellu jintuża, iva kien kopert.*

***Mistoqsi nafx li f'dan il-każ ZP kellu din l-Endorsement, ngħid li le."*[25]**

L-Arbitru intervjena u qal:

***"Fl-affidavit tax-xhud hemm klawsola li tgħid, 'including whilst being worked upon'. Fil-polza, dan it-terminu 'whilst being worked upon' ma jeżistix.***

***L-Arbitru jistaqsi lix-xhud biex jispjega d-differenza bejn dak li x-xhud qal fl-affidavit – 'whilst being worked upon' għal dak li hemm fil-polza li jgħid, 'it is in his control' imma m'hemmx miktub il-kliem 'whilst being worked upon., x'differenza tagħmel bejn it-tnejn."*[26]**

Clayton Farrugia rrisponda li:

***"Id-differenza bejniethom hija li ċ-'charge and control' li hemm fil-polza jeħduha nies bħal car dealers ħafna drabi, biex nagħti eżempju. Il-car dealer tmur għandu, tħallilu l-karozza u tgħidlu, 'Ipprova biegħhieli'. Jitfagħhielek fil-garaxx u n-nies imorru jaraw il-karozza. Allura mhu qed isir l-ebda xogħol fuq l-oġġett.***

***L-estensjoni li qed nitolbu aħna skont l-affidavit – whilst being worked upon – apparti li qed tkopri l-oġġett li qiegħed għand il-klijent, jiġifieri mhux qed jaħdem fuqu, tiġi estiża wkoll biex jekk dan waqt li jkun qed jaħdem fuq l-oġġett jagħmel ħsara lill-oġġett li jkun qed jaħdem fuqu, hemmhekk il-kopertura topera.***

***Mistoqsi jekk inix ngħid li hemm żewġ tipi ta' Endorsements: waħda hija 'Property in the Charge or Control of the Insured u waħda li hija Property in the Charge or Control of the Inusred (including whilst being worked upon), ngħid li iva, hemm żewġ Endorsements."*[27]**

Waqt is-seduta ġie spjegat[28] li l-Fornitur tas-Servizz mhux qed jargumenta li l-inċident seħħ kawża ta' xi xogħol li ma kienx dak ta' *refrigeration technician*, għax jifhmu li huwa normali li waqt li jsir ix-xogħol normali jista' jintalab li jsir xi xogħol ieħor addizzjonali li jkun inċidentali għax-xogħol prinċipali.

---

[25] P. 92 - 96
[26] P. 96
[27] P. 97
[28] *Ibid.*

**It-Tielet Seduta**

Fit-tielet seduta tal-5 ta' Mejju 2025, sar il-kontroeżami ta' Denise Condorato fir-rigward tal-*Affidavit*[29] ippreżentat. Hija xehdet li:

***"Mistoqsija naqbilx li l-iskop ta' din il-polza hi li toffri kopertura għal danni li jiġu kkaġunati lil terzi waqt il-perkors tal-attività kummerċjali, ngħid li iva.***

***Qed jingħad li fl-affidavit tiegħi jien insemmi li wara dan l-inċident, ġiet irreġistrata claim fil-11 ta' Settembru 2023 u anke ippreżentajt kopja tal-Claim Form.***

***Mistoqsija naqbilx li fil-Claim Form hemm deskrizzjoni tal-inċident, ngħid li iva.***

***Qed jingħad li fejn hemm il-kaxxa 'Give a detailed description of how the accident occurred and (if appropriate) draw a rough sketch', li qed jingħad ma kienx il-każ, ġie ddikjarat:***

***'My brother ZP and I were asked by the client of a XXXXXX to do some a/c repairs in the left cabin. We cleaned the a/c unit with solvents and re-mounted the a/c unit. Then we were asked by the client to inspect the bow thruster and confirm that it was working properly. When he tried the bow thruster, the boat ignited with a blast.'***

***Mistoqsija naqbilx li mid-deskrizzjoni li ngħatat fil-Claim Form kien evidenti li l-inċident seħħ waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet ta' tiswija/manutenzjoni fuq id-dgħajsa, ngħid li iva.***

***Mistoqsi naqbilx li mill-investigazzonijiet tagħna jidher li l-ilmentatur, ZP, kien qed jagħmel xogħol ta' tiswija u ma kienx qed jagħmel xi ħaġa partikolari jew xi ħaġa out of the ordinary, ngħid li kien qed isewwi a/c u bow thruster.***

***Naqbel li kien xogħol normali fil-linja tiegħu.***

***Qed niġi referuta għall-affidavit tiegħi fejn ngħid li wara li rċevejna l-Claim Form, fil-11 ta' Settembru 2023, 'lill-broker kellimtu permezz tat-telefon fil-frattemp biex insir naf aktar dwar il-każ.'***

[29] P. 87 - 88

*Mistoqsija naqbilx li l-komunikazzjoni bejna u bejn il-broker f'ambitu ta' claim hija xi ħaġa normali, li jfisser li l-claim qed tiġi pproċessata, ngħid li aħna nkunu qed nitolbu l-informazzjoni biex naraw il-validità tal-claim. Ngħid li iva, fl-ambitu tal-claim, aħna nkunu qed nikkomunikaw mal-broker biex nitolbuh l-informazzjoni ħalli nkunu nistgħu ninvestigaw il-każ u ninfurmaw il-proċess eżatt ta' kif qed ikun. Normally, the brokers are well aware of the process of a claim, imma hekk isir.*

*Mistoqsija naqbilx li f'Settembru 2023, il-Middlesea kienet ukoll qed tikkomunika ma' XXXXXXX li kienu l-assikuraturi tad-dgħajsa, ngħid li iva.*

*Mistoqsija naqbilx li f'dan iż-żmien, il-Middlesea kienet qablet ma' XXXXX biex jiġi inkarigat surveyor wieħed konġunt bejnietna, XXXXX, ngħid li iva. XXXXX huwa wieħed mill-ftit speċjalisti li hawn fil-qasam bħalissa fl-industrija and, for the lack of having someone else, konna ftiehemna ma' XXXXXX li nużaw is-servizzi ta' XXXXX li lilu nqabbdu wkoll u li fih nafdaw.*

*Qed jingħad li jiġifieri li l-inkarigu ta' XXXX huwa inkarigu konjġunt bejna bħala Middlesea, assikuraturi tal-ilmentatur, u bejn XXXXX, l-assikuraturi tad-dgħajsa.*

*Ngħid, strettament, le. XXXX tqabbad minn XXXX biex jara d-dgħajsa. XXXXX, eventwalment, kienu ser jagħmlu recovery mingħandna jew jippruvaw jagħmlu recovery mingħandna, in which case dawn riedu jissottomettu dan ir-rapport.*

*Ngħid li aħna ddeċidejna li noqgħodu fuq dak li jsib XXXXX (1) minħabba li ma kien hemm ħadd aktar tal-kalibru tiegħu lil min nistgħu inqabbdu u (2) aħna nafdaw li x-xogħol li ser jagħmel XXXX għal XXXXX, aħna nistgħu noqgħodu fuqu għax nafu x'tip ta' bniedem hu.*

*Però, imqabbad minn XXXXX u mħallas minn XXXXXX.*

*Qed jingħad li aħna konna ftiehemna ma' XXXX li l-konklużjonijiet ta' XXXX ser jorbtu lilna wkoll.*

*Ngħid li XXXX xogħlu kien li jasal għall-kawża u għall-ammont involut fil-ħsara u aħna qbilna li aħna ser noqgħodu fuq il-fehma ta' XXXX, fuq dak li kkaġuna l-ħsara u fuq l-ammont.*

*Qed jingħad, minn dak li għidt ftit minuti ilu, li aħna konna konsapevoli tal-fatt li XXXXX kellhom il-possibilità li jduru kontrina jew kontra l-assikurat tagħna biex jiġbru dak li jkunu ħallsu lill-assikurat ta' XXXXXX, is-sid tad-dgħajsa. U la ħadna din id-deċiżjoni, konna konxji li seta' kien hemm azzjoni ta' rkupru għal dak li tkun nefqet XXXXX. Ngħid li iva.*

*Qed jingħad li fl-affidavit tiegħi jiena semmejt ukoll korrispondenza li ntbagħtet minni fis-6 ta' Novembru 2023 fejn tlabt aktar informazzjoni mill-assikurat tramite l-broker.*

*Mistoqsija x'kien qed isir mill-Middlesea fil-perjodu ta' bejn il-11 ta' Settembru 2023, id-data meta ġiet sottomessa l-claim sas-6 ta' Novembru 2023, meta l-Middlesea talbet għal aktar informazzjoni, ngħid li konna qed nitolbu l-informazzjoni kemm mill-broker u kemm minn XXXX. Naturalment, nevalwaw il-files tagħna min-naħa tal-underwriting, communication.*

*Qed jingħad li skont l-affidavit tiegħi, tkellimna mal-broker kif ġiet ippreżentata l-Claim Form, imbagħad, erġajt bgħatt email fis-6 ta' Novembru fejn għamilt sensiela ta' domandi u, fil-frattemp, bejn Settembru u Novembru ma kienx hemm komunikazzjoni.*

*Ngħid li konna qed nirċievu updates minn XXXXXX fuq is-survey, x'qed jiġri u l-ammonti involuti u dawn l-affarijiet.*

*Ngħid li iva, f'dan il-perjodu, l-komunikazzjoni kienet qed issir ma' XXXXX.*

*Mistoqsija naqbilx li din il-komunikazzjoni tas-6 ta' Novembru 2023, ma saritx mingħajr preġudizzju, ngħid li le mhijiex bla preġudizzju.*

*Mistoqsija naqbilx li f'din il-komunikazzjoni tas-6 ta' Novembru 2023, jiena fakkart lill-broker illi l-ilmentatur kellu jħallas il-policy excess ta' €1,200, ngħid li iva, infurmajtu li l-excess taħt il-polza hu ta' €1,200. Ngħid li dik l-istess email tas-6 ta' Novembru tkompli billi tgħid:*

*'Your reply will enable us consider this matter accordingly,' jiġifieri dejjem subject tal-informazzjoni li ser tagħtina, aħna ser nevalwaw, għandek dan l-excess ta' €1,200; 'which will look into detail and submission of the information requested above'. u aktar u aktar qed ngħid, 'Isma', your reply will enable us consider this matter accordingly.'*

*Mistoqsija naqbilx li permezz ta' email datata 21 ta' Novembru 2023, jien avzajt lill-broker li l-informazzjoni li jien kont tlabt fl-email tas-6 ta' Novembru 2023, hija meħtieġa u 'my number is (u hemm in-numru tiegħi). Such information is required to enable us to take the necessary way forward with third party who is constantly chasing us.'*

*Ngħid li iva, għalhekk kellna bżonn dik l-informazzjoni.*

*It-'third party who is constantly chasing us' huwa XXXX. Ngħid li kienu qed jiġru warajna biex jaraw jekk aħna hux ser naċċettaw tort taħt il-polza.*

*Mistoqsija naqbilx li l-ewwel darba li aħna nfurmajna lill-broker li ma kienx hemm kopertura kien permezz ta' email datata 21 ta' Diċembru 2023, ngħid li iva, wara li rċevejna r-risposta dettaljata ta' dawk il-mistoqsijiet tat-30 ta' Novembru 2023.*

*Mistoqsija x'kienet ir-raġuni li aħna għidna li kien hemm nuqqas ta' kopertura, ngħid l-exclusion 9.0 li tgħid 'Liability in respect of treatment or services rendered in a Professional capacity.'*

*Mistoqsija x'kienet ir-raġuni li domna aktar minn tliet xhur biex nindikaw din l-esklużjoni meta kien evidenti mill-claim form li l-inċident li kkonfermajt jiena stess li seħħ meta l-ilmentatur kien qed jagħmel xogħlijiet fuq id-dgħajsa, ngħid li ridna naraw din l-informazzjoni kollha, niġbru d-dokumenti kollha, naraw x'ġara fil-passat, naraw l-underwriting fejn rajna l-komunikazzjonijiet li kien hemm meta saħansitra nbiegħet il-polza. U ridna li jkollna kollox bil-miktub inkluż ir-risposti ta' dawk il-mistoqsijiet li konna qegħdin ngħidu biex inkunu ċerti mid-deċiżjoni finali tagħna minħabba l-ewwelnett, l-ammont li qegħdin nitkellmu u minħabba li ġieli fil-passat kien hemm ċirkostanzi fejn il-verżjoni tinbidel.*

*Allura, ridna li nġibu kollox bil-miktub biex naċċertaw ruħna naturalment li jekk m'aħniex qed inkopru, m'aħniex qed inkopru fuq bażi soda u li ma jkunx hemm xi ħaġa li forsi ma fhimniex.*

*Qed niġi referuta għall-affidavit tiegħi fejn ngħid hekk:*

*'Din it-tip ta' polza mhix it-tip ta' polza biex tkopri ħsarat jew danni li jiġu kkawżati minn żball waqt li qed isir ix-xogħol li wieħed suppost huwa b'xi mod*

*ikkwalifikat sabiex jagħmlu. Dan it-tip ta' riskju jeħtieġ li jkun hemm kopertura speċifika għalih jew permezz ta' polza separata bħalma hija dik ta' Professional Indemnity għal periti u tobba, per eżempju, jew permezz ta' extension li jwessgħu il-kopertura skont il-kliem preċiż tal-istess extension għal dawk li jagħtu servizzi ta' mechanics, technicians u nies oħra b'xi tip ta' kwalifiki tekniċi.'*

*Qed jingħad li f'dan il-każ smajna mill-provi li l-ilmentatur ma jippressax servizzi minn xi post fiss, minn garaxx jew ħanut. Dan imur fuq is-sit fejn tinħtieġ it-tiswija, f'dan il-każ, id-dgħajjes.*

*Mistoqsija allura din il-Public Liability Policy li aħna ħriġna, jekk mhijiex intiża sabiex tkopri danni li jiġu kkaġunati minn żball, xi tkopri, ngħid li l-polza, kif spjega Clayton qabli, tkopri ħsarat lil terzi mhux il-proġett li tkun qed taħdem fuqu għax il-proġett li tkun qed taħdem fuqu ma jistax jiġi kkunsidrat bħala terz.*

*Qed jingħad li f'dan il-każ fejn għandek individwu waħdu fejn imur f'postijiet fejn jissejjaħ biex jagħmel tiswija. Mistoqsija l-polza f'liema sitwazzjoni tkoprih, ngħid li jista' jkun li l-klijent tagħna waqt li jkun sejjer il-marina biex jara d-dgħajsa taqalu xi biċċa għodda u kisser pontoon, jew jagħmel ħsara lil dgħajjes oħrajn. Dawk ikunu koperti imma x-xogħol per se li jkun qed jagħmel hu ma jkunx kopert.*

*Ngħid li f'din iċ-ċirkostanza, hu tqabbad biex jagħmel tiswijiet fuq l-a/c u fuq il-bow thruster. Jekk hu u dieħel biex jagħmel xogħlijiet fuq dik id-dgħajsa taqalu xi biċċa għodda fuq il-pontoon – m'għandu xejn x'jaqsam mal-a/c u mal-bow thruster – dak ikun kopert. Ix-xogħol li jkun qed jagħmel hu ma jkunx kopert. Kopert huwa xi ħadd li jkun terz għal dak ix-xogħol li jkun qed jagħmel hu.*

*Qed jingħad li f'dan il-każ partikolari jidher li aħna kkonkludejna li d-danni tad-dgħajsa ġew ikkaġunati minn żball min-naħa tal-ilmentatur kif qed jingħad li hemm fl-affidavit tiegħi (paġna 87 tal-proċess taħt 9.0 liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity, l-ewwel paragrafu).*

*Mistoqsija x'kien l-iżball min-naħa tal-ilmentatur li wassal sabiex ma kienx hemm kopertura assikurattiva, ngħid li skont ir-rapporti li għandna mingħand XXXX intużaw aerosols illi huma flammable fejn dawn intużaw in a confined*

*space fejn ma kienx hemm arja. U, għaldaqstant, kif xegħel il-bow thruster, għamel spark u kien hemm din l-isplużjoni. Ngħid li, iva, dan kien l-iżball li aħna kkonkludejna a bażi ta' x'qal XXXXX.*

*Qed jingħad li fl-istess paragrafu ngħid illi mingħajr extension, m'hemmx kopertura.*

*Mistoqsija m'hemmx kopertura għaliex m'hemmx l-extension li semmejt f'dan l-istess paragrafu, ngħid li iva.*

*Mistoqsija nafx jekk din l-extension qattx ġiet offruta lill-broker AIB meta żied lil ZP bħala assikurat, ngħid li ma nafx nirrispondi.*

*Mistoqsija nafx li l-polza għandha Endorsement 6 tat-2020 intitolata 'Property in the Charge and Control of the Insured', ngħid li iva.*

*Qed niġi mistoqsija biex nagħti spjegazzjoni x'inhu l-iskop ta' din l-endorsement u x'tip ta' kopertura toffri.*

*Ngħid li din l-endorsement (paġna 29 tal-proċess) tgħid:*

*'It is hereby declared and agreed that the indemnity provided by this Policy is deemed to be extended to cover goods held in the care, custody and control of the Insured, up to a limit of €250,000 any one loss and in the aggregate.*

*Subject otherwise to the terms, exceptions, conditions and limitations of this policy.'*

*Ngħid li inti jista' jkollok affarijiet li jkunu fil-kustodja tiegħek; jiġri xi ħaġa lil dawn l-affarijiet, bħal ngħidu aħna jkolli karozza ġol-garaxx tiegħi u, b'xi mod taqbad u tikkawża ħsara lil terzi. Dik hija liability ta' affarijiet li mhumiex tiegħi, u dik tkopriha imma lil terzi mhux lill-karozza nnifisha.*

*Qed jingħad li jekk inti għandek oġġett up to a limit of €250,000 which is in my care ..., ninterrompi ftit biex ngħid li the indemnity of the policy, primarily, is liability to third party. We are saying that the liability to that third party, in this case, is emanating from goods held in your care, custody and control.*

*Ngħid li biex ikun hemm kopertura for the goods per se, it would not be under the liability policy but would be under the property policy which is not the case here.*

***Qed jingħad li din l-extension tkopri l-oġġett mhux lil terzi, għalhekk hija extension because it goes beyond public liability.***

***Ngħid li jiena ma naqbilx ma' din l-interpretazzjoni għax, kif għidt qabel, hi tibda li hi indemnity of the policy which is to third parties."***[30]

Hawn l-Arbitru talab lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom, fejn il-Fornitur tas-Servizz ġie partikolarment mitlub jiċċara d-diverġenza dwar ix-xhieda li taw ir-rappreżentanti tiegħu dwar xi tfisser eżattament l-estensjoni għall-polza li tkopri *"goods held in the care, custody and control"*.

Dan minħabba li Clayton Farrugia interpreta din il-klawsola b'tali mod li din tkopri l-oġġett konċernat jekk ma jkunx qed isir xogħol fuqu, filwaqt li l-istess klawsola ġiet interpretata minn Denise Condorato b'tali mod li l-oġġett innifsu m'huwiex kopert, iżda, jekk issir ħsara minn dan l-istess oġġett lil terzi, allura, dik il-ħsara tkun koperta.

**Sottomissjonijiet finali**

Iż-żewġ partijiet[31] ressqu s-sottomissjonijiet finali tagħhom.

**Osservazzjonijiet u Analiżi**

Il-polza in kwistjoni hija '*Public Liability Insurance Policy*' maħruġa mill-Fornitur tas-Servizz li, fost oħrajn, l-għan tagħha huwa li:

*"… indemnify the Insured against:*

1. *All Sums which the Insured shall become legally liable to pay for compensation in respect of*

    a) *Accidental bodily injury to or illness of any person*

    b) *Accidental loss of or damage to material property*

    *occurring within the Situation of Risk shown in the Schedule during the continuance of this Policy and in connection with the Business*

[30] P. 99 - 104
[31] P. 107 - 125 u P. 128 - 134

*…".*[32]

Bħal kull polza oħra tal-assigurazzjoni, *Public Liability Insurance Policy* tiġi b'xi eċċezzjonijiet, fejn il-kopertura offruta ma tapplikax.

Mix-xhieda mressqa u mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet konċernati, iż-żewġ eċċezzjonijiet, jew aħjar esklużjonijiet in kwistjoni f'dan il-każ, huma:

*"<u>Exceptions</u>*

*This Policy shall not apply to:*

*…*

*3.0 Liability in respect of loss of or damage to any property belonging to or in the custody, charge or control of the Insured.*

*…*

*9.0 Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity.*

*…".*[33]

L-istess bħal f'kull polza oħra, il-persuna assigurata, f'dan il-każ, l-Ilmentatur, kellu l-għażla ta' *'buying back'* xi esklużjoni permezz ta' *Extension/Endorsement*, fejn, a bażi tal-*Policy Schedule*[34] tal-perjodu tal-polza ta' bejn is-7 ta' Mejju 2023 u s-6 ta' Mejju 2024, l-Ilmentatur kellu, fost *Endorsements* oħrajn:

***"Endorsement 06/2020***

***Property in the Charge or Control of the Insured***

*It is hereby declared and agreed that the indemnity provided by this Policy is deemed to be extended to cover goods held in the care, custody and control of the insured, up to a limit of €250,000 any one loss and in the aggregate.*

*Subject otherwise to the terms, exceptions, conditions and limitations of this policy.*

[32] P. 30
[33] P. 31 - 32
[34] P. 45 - 48

*…".*[35]

Evidentement, minkejja din l-estensjoni għall-polza, it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u esklużjonijiet oħrajn, xorta waħda kien għadhom japplikaw.

Dan huwa każ fejn l-Ilmentatur qed jisħaq li minħabba li din l-estensjoni kkwotata hawn fuq kienet tifforma parti mill-polza li hu kellu, fil-ħin tal-inċident il-*cabin cruiser* kienet fil-*'care, custody and control'* tiegħu u, għaldaqstant, għandu jiskatta l-operat tal-polza.

Kif diġà saret referenza aktar kmieni, huwa diżappuntanti li żewġ rappreżentanti tal-Fornitur tas-Servizz taw interpretazzjoni differenti għall-kopertura tal-*'care, custody and control'*. Tant hu hekk li, minkejja li ma ngħatat l-ebda spjega addizzjoni dwar id-differenza preċiża ta' bejniethom, Clayton Farrugia xehed li:

"*Mistoqsi jekk inix ngħid li hemm żewġ tipi ta' Endorsements: waħda li hija 'Property in the Charge or Control of the Insured' u waħda li hija 'Property in the Charge or Control of the Insured (whilst being worked upon), ngħid li iva, hemm żewġ Endorsements."*[36]

Skont il-*Policy Schedule*[37] applikabbli fil-mument tal-inċident, l-*Endorsement* li l-Ilmentatur kellu kienet *06/2020 – Property in the Charge or Control of the Insured.*[38]

Għaldaqstant, minkejja d-dikjarazzjoni ta' Clayton Farrugia dwar iż-żewġ *Endorsements*, u l-interpretazzjoni differenti għall-kopertura ta' *'care, custody or control'*, l-ebda waħda minn dawn l-interpretazzjonijiet ma toffendi l-argument li l-*extension* li l-Ilmentatur kellu ma kinitx tkopri opri li jkun qed isir ix-xogħol fuqhom u, għalhekk, l-inċident in kwistjoni xorta ma kienx kopert taħt il-polza li l-Ilmentatur kellu minħabba li din ma tkoprix *'Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity'*.

F'dan ir-rigward, Ramon Mizzi tal-AIB stqarr li:

*"… ma qbiltx mal-pożizzjoni li kienu qed jieħdu huma għar-raġuni li huma kienu qed jinvokaw exclusion fil-policy li kienet tappartjeni għal dak li aħna ngħidulu*

---

[35] P. 29
[36] P. 97
[37] P. 45 - 48
[38] P. 46

*'Professional Risks', li bażikament din hija l-exclusion li ssib f'Public Liability Policy għal min ikun qed jagħmel xogħol ta' natura professjonali illi dak ix-xogħol irid jiġi kopert bi Professional Indemnity Policy."*[39]

Dwar dan, Clayton Farrugia, f'isem il-Fornitur tas-Servizz, spjega li:

*"… il-polza tipprovdi biċ-ċar li hija intiża sabiex tagħmel tajjeb għar-riskji pubbliċi jew aħjar ir-riskju li wieħed li jaħdem barra jista' iġib b'għemilu lin-nies li jkunu għaddejjin bil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Iżda teskludi speċifikament ir-riskju riżultanti mix-xogħol ta' dak li qed irendi s-servizz – u dan sempliċiment għax dan ir-riskju huwa wisq speċifiku u jista' ukoll ikun wisq kbir sabiex jiġi trattat taħt 'Public Liability' u fis-suq tal-assigurazzjoni hemm klawzoli intiżi sabiex ikopruh speċifikament.*

*… Għal dan il-għan speċifiku, fejn il-persuna tkun 'professjonista' (bħala nies ta' skola terzjarja), teżisti polza oħra u cioè il-Professional Indemnity, filwaqt li fil-każ ta' mechanics u technicians li jagħtu servizz professjonali imma m'humiex meqjusa bħala 'white collar professionals' jeżistu l-extensions għall-kopertura tagħhom skond in-natura tax-xogħol ikkonċernat."*[40]

L-Arbitru ma jaqbel xejn mal-argument imressaq minn Ramon Mizzi li din l-esklużjoni partikolari ma tapplikax għax il-klijent tiegħu, jiġifieri l-Ilmentatur, ma kienx professjonist. Ma kienx biss Ramon Mizzi li rrefera għal dan iżda sar ukoll enfasi partikolari fis-sottomissjonijiet finali mressqa mill-Ilmentatur. Huwa minnu li kieku kien professjonist (fis-sens tradizzjonali ta' *white collar professional*) kienet tinħareġ *Professional Indemnity policy*, iżda kif spjega Clayton Farrugia, għal xogħol ta' *technician* bħalma kien jagħmel l-Ilmentatur, il-*Public Liability policy* setgħet tiġi estiża biex tkopri affarijiet aktar minn sempliċiment ħsara lil terzi li ma jkollhom x'jaqsmu xejn max-xogħol li jkun qed isir, la bħala *technician* u lanqas bħala s-sid tal-opra li fuqha jkun qed isir ix-xogħol.

L-Arbitru huwa tal-fehma li, kieku m'huwiex hekk, ma kienx ikun hemm skop għall-*extension* fir-rigward tal-kopertura għal servizzi li jkunu qed jingħataw fuq bażi professjonali. U, fuq kollox, kieku l-Ilmentatur ma kienx professjonali

[39] P. 78
[40] P. 85

f'xogħolu, kif kien jiġi mqabbad minn nies oħra, bħal sid il-*marine craft* in kwistjoni, biex joffri s-servizz tiegħu?

Fis-sottomissjonijiet finali ppreżentati, ġie argumentat li l-attività li kienet qed issir mill-Ilmentatur fil-ħin tal-inċident, *"… ma kinitx li tink(w)adra bħala 'attività professjonali', … iżda kienet attività ta' natura purament teknika.'*[41]

Intqal ukoll li, *"Din id-distinzjoni qiegħda ssir għaliex attività professjonali, għal finijiet ta' din l-esklużjoni, għandha tinvolvi attività bi grad ta' ħila, ġudizzju u għarfien speċjalizzat; livell li ċertament m'huwiex rikjest meta wieħed jesegwixxi eżerċizzju tekniku ta' natura mekkanika jew manwali.'*[42]

Hawn l-Arbitru jistaqsi, allura, li tkun *mechanic, engineer* jew *electrician*, ifisser li ma tkunx twettaq attività ta' ħila, ġudizzju u għarfien speċjalizzat? Anke jekk teknikament, *mechanic, engineer, technician,* eċċ., mhux konsiderat bħala professjonist tradizzjonali, ċertament li xogħolhom jikkwalifika bħala attività professjonali.

Kif sqarr l-Ilmentatur stess:

***"Nikkonferma li jiena għandi kwalifiki biex nagħmel dan ix-xogħol. Ngħid li għandi Diploma in Heavy Plant and Operational Maintenance. Dak wieħed mill-kwaliifiki li għandi u għandi wkoll liċenzja. Ngħid li għandi diversi kwalifiki u għandi s-sengha ta' technician. Ngħid li dan huwa x-xogħol professjonali tiegħi."***[43]

Fir-rigward ta' din l-esklużjoniji jew inkella l-kopertura in ġenerali, l-Arbitru huwa tal-fehma li, f'dan il-każ, li jħoll u jorbot huwa l-fatt li qabel ma sar il-kuntratt oriġinali tal-polza f'April 2020, il-Fornitur tas-Servizz kien għamilha ċara lill-*broker* ta' dak iż-żmien li l-*Public Liability policy* fil-fatt teskludi *"Liability in respect of treatment or services rendered in a professional capacity."*[44]

Kien intqal b'mod ċar ħafna li:

*"This means that with a PL policy, the proposer is not covered for any liabilities arising in consequence of his works. It does not seem to make sense to issue a*

---

[41] P. 119
[42] *Ibid.*
[43] P. 90
[44] P. 68

*stand-alone PL policy if it is not covering him during his works (I am assuming that the marina wants him to have a PL insurance in case something goes wrong while he is working on a boat). Can the client clarify to us what the marina is asking him exactly? And for what he needs to be covered? What we can suggest is to have malpractice extension under the PL Policy however we first need to know what the marina wants exactly."*[45]

Erbat ijiem wara, il-Fornitur tas-Servizz kien reġa' staqsa lill-*broker* konċernat:

*"Shall we include the products liability extension for an additional premium of €100?"*[46]

Għal dan, il-*broker* speċifikament irrisponda fin-negattiv u evidentement juri li l-intenzjoni tiegħu, jew tal-Ilmentatur, kienet biss biex ikollu fis-seħħ l-inqas kopertura ta' *Public Liability* possibbli sabiex din tissodisfa dak li kienet qed titlob il-*marina* biex tippermetti *technicians* jaħdmu fuq opri tal-baħar li jkunu fl-istess *marina.*

Kif diġà saret referenza aktar kmieni, fl-*Affidavit* sottomess, l-Ilmentatur stqarr li fis-sena 2023 kien għamel eżerċizzju sabiex jikseb kopertura li tirrigwardja lil terzi b'konnessjoni mal-attività tax-xogħol tiegħu, tkellem ma' ħuh li kien ukoll jaħdem f'dan l-istess xogħol, u meta dan tal-aħħar tkellem mal-*broker* tiegħu, ġie deċiż li hu jingħaqad mal-polza ta' ħuh li kien diġà kellu polza li kien qed ifittex l-istess Ilmentatur.

L-Arbitru huwa tal-fehma li n-nuqqas jidher li kien f'dan il-punt, jiġifieri, meta l-Ilmentatur iddaħħal bħala *additional assured* fil-polza ta' ħuh, fejn il-*broker* jidher li ma spjegax lill-Ilmentatur x'kien inkluż f'din il-polza eżistenti u x'kien eskluż. Fil-fatt, m'huwiex ċar għalfejn sar dan minflok ġiet offruta polza separata għall-Ilmentatur.

Jidher li d-deċiżjoni li l-Ilmentatur jiġi inkluż fil-polza ta' ħuh kienet deċiżjoni tal-*broker*, iżda, f'dan l-istadju, lanqas hu ċar jekk kienx l-AIB jew inkella l-*broker* ta' qablu. Fix-xhieda tiegħu, Ramon Mizzi stqarr,[47] però li, huma daħlu fix-xena meta l-Ilmentatur kien diġà inkluż fil-polza.

[45] *Ibid.*
[46] P. 69
[47] P. 77

Waqt kontroeżami, l-Ilmentatur stqarr li:

*"… meta avviċinajt il-broker spjegajtlu x-xogħol li nagħmel u għidtlu li għandi bżonn il-kopertura.*

*Mistoqsi x'kopertura tlabtu, ngħid li jien ma tlabtux għax, kif għidt, mhix il-linja tiegħi. Illum il-ġurnata naf xi tfisser ovvjament b'dak kollu li ġara – public liability u x'semmejtu. Dak iż-żmien just tlabtu polza tal-assigurazzjoni u that's it.*

*Mistoqsi xi spjegali dwar il-polza tal-assigurazzjoni li għandi bżonn, ngħid li għandi public liability li għanha tkopri l-operat. Illum il-ġurnata naf li ma jkoprix ix-xogħol tal-idejn. Imma ma nafx eżatt.*

*Mistoqsi jekk spjegalix li kelli options li stajt inżid il-kopertura fejn ikun hemm affarijiet li m'humiex koperti, li stajt inżid u nnaqqas, ngħid li le; biss, però, kif tafu, polza ġdida fuq qatt ma ħarġet. Jiena dħalt ma' ta' ħija, issa għal liema raġuni ma nafx."*[48]

L-Arbitru huwa tal-fehma li jekk l-Ilmentatur qed jargumenta li xi ħadd naqsu li ma spjegalux sew x'kien u x'ma kienx kopert għalih meta ġie inkluż fil-polza ma' ħuh, allura, dan l-argument żgur li m'għandux jiġi indirizzat lill-Fornitur tas-Servizz iżda lill-*broker* konċernat li sempliċiment daħħlu fil-polza ta' ħuh mingħajr spjegazzjoni xierqa.

Huwa prinċipju aċċettat li meta jkun hemm *broker* li jirrappreżenta lill-assikurat, l-assikuratur, f'dan il-każ il-Fornitur tas-Servizz*,* jitkellem mal-*broker* u mhux direttament mal-assikurat fl-assenza tal-*broker*. Kien min kien il-*broker*, meta l-Ilmentatur ġie inkluż bħala *co-insured* fil-polza, kellu l-obbligu li jfiehem lill-Ilmentatur x'kienu r-riskji koperti u/jew esklużi fil-polza.

Il-Fornitur tas-Servizz ma kellux l-obbligu li jiżgura li l-*broker* għamel dan u qeda dmiru anke lejn il-*co-insured* il-ġdid.

Mill-banda l-oħra, l-argument tal-Fornitur tas-Servizz li ma tistax toffri s-soluzzjoni mitluba, dejjem jekk il-każ jinqata' kontriha, għax il-proprjetarju tal-*cabin cruiser* u l-assikuratur tiegħu m'humiex parti minn dan l-ilment, hija wkoll

[48] P. 89 - 90

rifjutata, u dan għax dejjem tista' tagħmel tajjeb għal xi danni li jirriżultaw mill-proċeduri kontra l-Ilmentatur, jekk dawn iseħħu.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet hawn spjegati, dan l-ilment qed jiġi miċħud, u l-Arbitru jordna li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.

L-Arbitru jagħmilha ċara li din id-deċiżjoni hija bla preġudizzju dwar jekk l-Ilmentatur kellux tort u huwiex responsabbli għall-isplużjoni li kkawżat l-inċident.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**<u>Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru</u>**

***Dritt ta' Appell***

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, salv id-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont l-artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont l-artikolu 26(4) tal-Att, għandhom isiru lill-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi

żmien ħmistax (15)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, id-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont l-artikolu 11(1)(f) tal-Att.